




European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

**Aċċess minn CSD għall-aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet ta' CCPs
u ċentri tan-negozjar**



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni	3
2	Definizzjonijiet	4
3	Għan	5
4	Obbligi ta' konformità u ta' rapportar	6
4.1	L-istatus tal-linji gwida	6
4.2	Rekwiżiti ta' rapportar	6
5	Linji Gwida	7
5.1	Riskji legali	7
5.2	Riskji finanzjarji	7
5.3	Riskji operazzjonali	8

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti ta' CCPs u ta' ċentri tan-negozjar.

Xiex?

2. Dawn il-lingwi gwida japplikaw fir-rigward tar-riskji li jridu jiġu kkunsidrati minn CCP jew minn ċentru tan-negozjar meta jwettaq valutazzjoni tar-riskji komprensiva wara talba għal aċċess għall-aġġornament dwar it-tranżazzjoni tas-CCP jew tal-post tan-negozjar.

Meta?

3. Dawn il-linji gwida japplikaw mid-data li tiġi xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

2 Definizzjonijiet

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, termini użati f'dawn il-linji gwida għandhom l-istess tifsira bħal fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

KE Il-Kummissjoni Ewropea

ESMA L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq

UE L-Unjoni Ewropea

ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012

ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010; Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE

3 Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jispeċifikaw ir-riskji li jridu jiġu kkunsidrati minn CCP jew minn post tan-negozjar meta jwettaq valutazzjoni tar-riskji komprensiva wara talba għal aċċess għall-aġġornament dwar it-tranżazzjoni tas-CCP jew taċ-ċentru tan-negozjar.

4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

4.1 L-istatus tal-linji gwida

6. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jeħtieġ li jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
7. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom.

4.2 Rekwiżiti ta' rapportar

8. L-awtoritajiet kompetenti li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida jeħtieġ li jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew għandhomx l-għan li jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, sa xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE lil CSDR.Notifications@esma.europa.eu. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA.

5 Linji Gwida

9. Fejn, skont l-Artikolu 53(3) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, CCP jew ċentru tan-negozjar iwettaq valutazzjoni tar-riskji komprensiva wara talba għal aċċess minn CSD u meta l-awtorità kompetenti tas-CCP jew taċ-ċentru tan-negozjar tevalwa r-raġunijiet li minħabba fihom is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar irrifjuta li jagħti servizzi, jenħtieġ li jikkunsidraw ir-riskji li ġejjin li jirriżultaw minn dan l-għoti ta' servizzi:

- (a) riskji legali;
- (b) riskji finanzjarji;
- (c) riskji operazzjonali.

5.1 Riskji legali

10. Waqt il-valutazzjoni tar-riskji legali wara talba għal aċċess għal aġġornament dwar in-negozjar minn CSD, is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar, u l-awtorità kompetenti tiegħu, jenħtieġ li jikkunsidraw mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

- (a) Is-CSD ma jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità tiegħu mar-regoli u mar-rekwiżiti legali għall-aċċess tal-parti li tirċievi, inklużi opinjonijiet legali jew kwalunkwe arranġament legali rilevanti li juri l-kapaċità tas-CSD li jissodisfa l-obbligi tiegħu lejn il-parti li tirċievi;
- (b) Is-CSD ma jipprovdi l-informazzjoni, inklużi opinjonijiet legali jew kwalunkwe arranġament legali rilevanti, meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kapaċità tiegħu li jiżgura, f'konformità mar-regoli applikabbli fl-Istat Membru tal-parti li tirċievi, il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-aġġornamenti dwar it-tranżazzjoni;
- (c) F'każ ta' CSD stabbilit f'pajjiż terz, waħda minn dawn li ġejjin:
 - i. is-CSD mhux soġġett għal qafas regolatorju u superviżorju komparabbli għall-qafas regolatorju u superviżorju li jkun applikabbli għas-CSD li kieku ġie stabbilit fl-Unjoni, jew
 - ii. ir-regoli tas-CSD li jikkonċernaw il-finalità tas-saldu mhumiex komparabbli għal dawk imsemmija fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

5.2 Riskji finanzjarji

11. Waqt il-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji wara talba għal aċċess għal aġġornament dwar in-negozjar minn CSD, is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar, u l-awtorità kompetenti tiegħu, jenħtieġ li jikkunsidraw mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

- (a) Is-CSD ma għandux biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jissodisfa l-obbligi kuntrattwali tiegħu lejn il-parti li tirċievi;
- (b) Is-CSD mhux lest jew m'huwa kapaċi jiffinanzja ebda komponent personalizzat meħtieġ biex jingħata l-aċċess skont l-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, sa fejn dan ma jkun kundizzjoni ta' aċċess diskriminatorju.

5.3 Riskji operazzjonali

12. Waqt il-valutazzjoni tar-riskji operazzjonali wara talba għal aċċess minn CSD, is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar, u l-awtorità kompetenti tiegħu, jenħtieġ li jikkunsidraw mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

- (a) Is-CSD m'għandux il-kapaċità operazzjonali li jsalda t-tranżazzjonijiet tat-titoli approvati mis-CCP, jew imwettqa fiċ-ċentru tan-negozjar;
- (b) Is-CSD mhuwiex kapaċi juri li jista' jaderixxi u jikkonforma mar-regoli tal-ġestjoni tar-riskji eżistenti tal-parti li tirċievi jew jonqsu l-għarfien espert meħtieġ f'dak ir-rigward;
- (c) Is-CSD ma implimentax politiki tal-kontinwità tan-negozju u pjan ta' rkupru minn diġastru;
- (d) L-għoti ta' aċċess jeħtieġ li l-parti li tirċievi twettaq bidliet sinifikanti fl-operazzjonijiet tagħha li jaffettwaw il-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskji u jipperikola l-funzjonament bla problemi taċ-ċentru tan-negozjar jew tas-CCP, bħall-implimentazzjoni ta' pproċessar manwali kontinwu minn dawn il-partijiet.